# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 11 ta' Jannar, 2023

**Kawża Nru. 10**

**Rik. Nru. 80/2021 ISB**

**Yong Qian (K.I. Nru. 519913L)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **Yong Qian**, intavolat fis-6 ta' Ottubru 2021, li permezz tiegħu huwa talab lil-Qorti sabiex:-

> *joghgobha tordna li l-isem tal-kumpanija Red Room Med Limited (C.31790) jerga jiddahhal fir-Registru tal-Kumpanniji b'dana illi l-kumpanija titqies li kompliet bl-esistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar u dana taht dawk id-direzzjonijiet u provvedimenti li jidhrihla xierqa u opportuni u dana ai termini inter alia tal-artikolu 325 (4) tal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta).*

U dan wara li ppermetta:

> *Illi r-rikorrenti huwa direttur u membru tal-kumpanija Red Room Med Limited (C31790) dan stante li ghandu registrati f'ismu 499 Ordinary shares fl-imsemmija kumpanija kif jirrisulta mill-anness dok A.*
>
> *Illi l-kumpanija Red Room Med Limited tixtieq tibqa topera bhala societa Illi dan l-ahhar ngab a konjizzjoni tar-rikorrenti il-fatt li l-kumpanija Red Room Med Limited kienet tnehhiet minn fuq ir-Registru tal-kumpanniji (Dok B).*
>
> *Illi l-kumpanija thassret minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji ai termini tal-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386) b'effett mill 17 ta' Gunju 2021.*
>
> *Illi r-rikorrenti ma kienx ircieva korrispondenza dwar it-thassir tal-kumpanija.*
>
> *Illi ir-rikorrenti hass ruhu aggravat bil-fatt li l-isem tal-kumpanija thassar minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u ghandu kull interess illi l-istess kumpanija terga titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u tibqa topera.*
>
> *Illi r-rikorrenti huwa lest li jiehu kull azzjoni mehtiega sabiex tigi regolarizzata l-pozizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni.*
>
> *Illi r-rikorrenti hija lesta li tissotometti d-dokumentazzjoni nieqsa kollha u thallas l-penali dovuti lir-Registratur u l-ispejjes ta' din il-kawza.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 3 sa fol 12)

Rat **id-digriet** tagħha tas-27 ta' Ottubru 2021 minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-27 ta' Jannar 2022 fl-10:30 a.m., u fejn kienet ordnata n-notifika tar-rikors lir-Reġistratur tal-Kumpaniji b'għoxrin jum żmien għar-risposta.

Rat illi r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat fid-19 ta' Novembru 2021 (ara tergo ta` fol 14).

Rat illi fis-7 ta' Diċembru 2021, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ppreżenta **ir-risposta** tiegħu (fol 15) bid-dokument hemmek anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

> *Illi l-kumpannija Red Room Med Limited (C 31790) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fl-18 ta' Lulju 2003;*
>
> *Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat prospetti annwali u kontijiet annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-istess Att. Tant hu hekk illi l-aħħar prospett annwali mibgħut lir-Reġistratur kien dak tas-sena 2016, u l-aħħar kont annwali mibgħut kien dak tas-sena 2008;*

*Illi l-kumpanija in piu' naqset ukoll mill-obbligi tagħha mposti mill-Avviż Legali 247 tal-2020 u għaldaqstant baqgħet qatt ma daħħlet l-informazzjoni meħtieġa mar-Reġistratur tal-Kumpaniji dwar is-sidien benefiċċjarji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjal uniku tagħha Yong Qian sabiex javża illi l-isem tal-kumpannija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi l-ewwel ittra ntbagħtet lill-kumpanija u lill-uffiċċjal tagħha fl-indirizzi Blue Room Chinese Restaurant, 151, St. George's Road, St. Julians u Villa Gherita, Antonio Schembri Street, Kappara, San Gwann, rispettivament datati 8 ta' Frar 2021.*

*Illi fis-17 ta' Marzu 2021, ir-Reġistratur bagħat it-tieni ittra fuq l-istess indirizzi.*

*Illi f'dawn l-ittri il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont ir-Regolament 9 tal-Avviż Legali 247 tal-2020, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u it-tieni ittra fi zmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fis-17 ta' Marzu 2021, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi, Madankollu fit-terminu preskritt mil-liġi, la l-kumpanija, la id- direttur tagħha u lanqas terzi persuni ma nfurmaw lir-Reġistratur illi kellhom xi nteress illi l-isem tal-kumpnnija jibqa' fuq ir-Reġistru. Għalhekk l-esponent mexa sabiex iħassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru b'effett mils-17 ta' Ġunju 2021;*

*Illi kif jidher ċar mil-fatti suesposti, ir-rikorrent kellu biżżejjed żmien kemm qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija, biex jinforma l-esponent dwar l-interess illi kellu sabiex l-isem ta' din il-kumpanija jibqa' fuq ir-Reġistru, iżda dan baqa inadempjenti;*

*Illi għalkemm r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi, ir-Reġistratur tixtieq tiġi mogħtija raġuni valida dwar it-talba mogħtija mir-rikorrenti li tali kumpanija għandha terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji. Tajjeb wieħed jinnota illi il-kumpanija l-azzjonista li għandha il-maġġoranza tal-ishma, Red Room Casual Dining Limited (C 26491) ġiet ukoll mħassra bil-proċedura tad-defunct u għaldaqstant jekk din il-kumpanija ma terġax titpoġġa fuq ir-Reġistru wkoll, Red Room Med Limited (C 31790) xorta ma tistax topera;*

*Illi jidher biċ-ċar illi r-rikorrent qatt ma kellu interess li jimxu b'konformita' mal-liġi dwar il-kumpaniji u infatti naqas milli jirreġistra dokumenti mandatorji*

*mar-Reġistratur għal numru twal ta' snin minkejja diversi notifiki li kienu jintbagħtu lilu.*

*Illi r-rikorrenti injora ukoll il-multi illi jfakkru f'tali nuqqas u qatt ma affettwa il-pagamenti tal-multi. Illi il-pagamenti pendenti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali jammontaw għal EUR 1,750, filwaqt li l-penali fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' dawn il-prospetti kif ukoll tal-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji u tal-kontijiet annwali jammontaw għal EUR 16,511.50;*

*Illi l-kumpanija ma tistax tiġi riattivata skont l-artikolu 325 (4) tal-Att dwar il-Kumpaniji kif speċifikat fir-rikors odjern imma skont ir-Regolament 9 (4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations għaliex taħt dan ir-regolament ġiet mħassra tali kumpanija;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż informazzjoni fuq is-sidien benefiċċjarji, il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tat-terzi persuni. Huwa għaqli wkoll illi s-soċjeta' azzjonista tiġi riattivata wkoll għaliex fin-nuqqas ta' dan, il-kumpanija Red Room Med Limited (C 31790) ma tkun tista' tagħmel xejn. Ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rettifikata.*

*Illi għaldaqstant hija lesta li joqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 2022, deher l-Avukat Philip Manduca għar-rikorrent u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat illi f'dik l-udjenza, id-difensur tar-rikorrent iddikjara illi r-rikorrent kien dispost jirregolarizza l-posizzjoni tas-soċjeta` **Red Room Med Limited (C 31790)**;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Ottubru 2022, minn fejn jirriżulta illi d-difensuri tal-partijiet ddikjaraw illi l-pendenzi kollha tas-soċjeta` Red Room Med Limited (C 31790) kienu ġew riżolti u regolarizzati, u għalhekk bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għall-llum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti, li huwa

direttur u azzjonist tas-soċjeta' **Red Room Med Limited (C 31790)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-kumpaniji fis-17 ta' Ġunju 2021, qieghed jitlob illi l-kumpannija kummercjali msemmija terga' titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrent għandu kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Illi r-rikorrenti iddikjara mill-bidu, sa mir-rikors mressaq illi huwa kien lest li jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni Red Room Med Limited u filfatt iddikjara li lest jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex ikun f'posizzjoni li jirregolarizza l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni.

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur, li tibgħat kontijiet u prospetti annwali. Jgħid ukoll illi l-imsemmiha kumpanija qatt ma bagħtet l-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji u għaldaqstant ġiet mħassra ai termini tar-Regolament 9 tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations u mhux ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta u kellha pendenti xi hlasijiet ta' penali u prospetti annwali.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-ligi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi ġie rilevat mir-Reġistratur tal-Kumpaniji fir-risposta tiegħu illi t-talba rikorrenti **kellha ssir ai termini tar-Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19 u mhux ai termini tal-artikolu 325(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Għalkemm it-talba fir-rikors promotur qed issir ai termini tal-artikolu 325(4) tal-KAP 386, u kif sollevat mir-Reġistratur intimata, din kellha ssir ai termini tar-Regolament 9(4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations, b'dana kollu din il-Qorti ser tagħti l-provvediment tagħha xorta waħda u takkolji t-talba magħmula fit-termini ecceppiti mir-Registratur, anke jekk ma ntalbet ebda korrezzjoni, u dan għal żewġ raġunijiet.

Fl-ewwel lok, filwaqt illi l-Qorti dejjem tippreferi u tissolleċita lir-rikorrenti sabiex jaraw u jassikuraw illi t-talbiet isiru ai termini tal-provvedimenti tal-ligi idoneji, b'dana kollu fil-każ odjern, il-Qorti tqis illi l-effett tat-talba huwa xorta – it-tqiegħed lura tal-kumpannija fuq ir-Reġistru. Fuq kollox, it-talba kienet tkun xorta

valida li kieku r-rikorrent ma semmiex l-artikolu fit-talba tiegħu. Il-Qorti ghalhekk ma tħossx illi dan ibiddel bl-iċken mod is-sustanza tal-proċedura.

Fit-tieni lok, il-Qorti qed tieħu din il-posizzjoni anke fid-dawl ta' spedezza u prattiċita' li huwa mehtieg fil-kamp kummerċjali, peress illi l-alternattiva kienet tkun, f'każ illi tiġi miċħuda t-talba minħabba l-iżball imsemmi, illi terġa' tigi riproposta l-kawża b'indikazzjoni ta' l-artikolu rilevanti. Tenut kont illi jirriżulta illi gew regolarizzati n-nuqqasijiet tas-socjeta` de quo, dan ikun ifisser biss illi ssir proċedura oħra kemm jiġi indikat l-artikolu tal-liġi ġust jew addirittura ma jiġix indikat l-artikolu relattiv bir-riżultat illi jkun ottenut l-istess riżultat. Il-Qorti tqis dak bħala ħela ta' ħin u spejjeż inutili.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Ir-Regolament 9 (4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners ) Regulations*[1] , Leġislazzjoni Sussidjarja 386.19 tal-Ligijiet ta' Malta jgħid is-segwenti:**

> *(4) If any member or creditor of the company, or any other person who appears to the Court to have an interest feels aggrieved by the fact that the name of the company has been struck off the register by virtue of the provisions of this regulation, the Court on an application made by the member or creditor or such other person before the expiration of five years from the publication of the notice of the striking off provided for in sub-regulations (2) and (3) may, if satisfied that it is proper that the name of the company be restored to the register, order that such name be restored to the register, and up on an official copy of the order being delivered by the Registrar of the Courts to the Registrar for registration, the company shall be deemed to have continued in existence as if its name had not been struck off; and the Court may by its order give such directions and make such provisions as seem fit for placing the company and all other persons in the same position as nearly as may be as if the name of the company had not been struck off. The Registrar shall forthwith proceed to publish a notice in the Gazette or on a website maintained by the Registrar and in a daily newspaper circulating wholly or mainly in Malta that the name of the company has been restored to the register.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu ai termini tar-Regolament appena ċitat.

[1] Ippublikat bl-Ingliż biss

M'hemmx dubbju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta il-kumpanija Red Room Med Limited (C 31790**)** ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Il-Qorti pero`, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilita' li kellu r-rikorrent illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, ir-rikorrent noe żamm kelmtu u l-promessa magħmula mill-istess rikorrent noe inżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha kienu ġew regolarizzati ubi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi jkun ġust u ekwu illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tar-Regolament 9(4) tal-*Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations,* liġi sussidjarja 386.19, fi żmien ħmistax il-jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Red Room Med Limited (C 31790)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpannija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpanniji.

3. **Fit-tielet lok**, <u>tordna</u>, illi l-isem ta' **Red Room Med Limited (C 31790)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpanniji.

4. **Fil-raba' lok**, <u>tordna</u> illi l-ispejjes ta' din il-procedura u kif ukoll kwasliasi spejjes illi r-Registratur intimat seta' inkorra biex ikancella isem il-kumpannija msemmija minn fuq ir-Registru u dawk li ghad jista' jinkorri ir-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpannija **Red Room Med Limited (C 31790)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpanniji, jkunu a karigu tar-rikorrent.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**